

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

**►B**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 28/2012**

**tal-11 ta' Jannar 2012**

li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-Unjoni ta' ċerti prodotti komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament (KE)  
Nru 1162/2009

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 468/2012 tal-1 ta' Ġunju 2012	L 144	1	5.6.2012
► <b>M2</b>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 556/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013	L 164	13	18.6.2013
► <b>M3</b>	Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/731 tal-25 ta' April 2017	L 108	7	26.4.2017
► <b>M4</b>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2124 tal-10 ta' Ottubru 2019	L 321	73	12.12.2019

**▼B****REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 28/2012****tal-11 ta' Jannar 2012**

li jistabbilixxi r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni  
għall-Unjoni u tat-tranżitu minn ġol-UNjoni ta' ċerti prodotti  
komposti u li jemenda d-Deċiżjoni 2007/275/KE u r-Regolament  
(KE) Nru 1162/2009

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

*Artikolu 1***Is-suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-kunsinna ta' ċerti prodotti komposti mdaħħlin fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finjiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jaapplikaw id-definizzjoni  
nijiet fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/275/KE.

*Artikolu 3***L-Importazzjonijiet ta' ċerti prodotti komposti**

1. Il-kunsinni tal-prodotti komposti msemmija hawn taħt li jkunu  
mdaħħla fl-Unjoni għandhom jiġu minn pajjiż terz jew parti minnu li  
hu awtorizzat għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' dawn il-prodotti  
komposti u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali li jintużaw fil-produzzjoni  
ta' dawn il-prodotti komposti għandhom jorġinaw minn stabbilimenti li  
jikkonformaw mal-Artikolu 6.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004:

- (a) il-prodotti komposti li fihom prodotti tal-laħam ipproċessat kif  
imsemmi fl-Artikolu 4(a) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE;
- (b) il-prodotti komposti li fihom prodotti tal-ħalib ipproċessat u li huma  
koperti mill-Artikolu 4(a) u (c) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE;
- (c) il-prodotti komposti li s-sustanza tagħhom tkun nofsha jew iżjed  
minn nofsha magħmula minn prodotti tal-ħut jew tal-bajd u koperti  
mill-Artikolu 4(b) tad-Deċiżjoni 2007/275/KE.

2. Il-kunsinni tal-prodotti komposti msemmijin fil-paragrafu 1  
għandu jkollhom magħhom ċertifikat tas-saħħa skont il-mudell taċ-ċerti  
fik tas-saħħa stabbilit fl-Anness I u għandhom jikkonformaw mal-  
kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn iċ-ċertifikati.

3. Il-kunsinni tal-prodotti komposti li s-sustanza tagħhom hija nofsha  
jew iżjed minn nofsha magħmula minn prodotti ta' oriġini mill-annimali,  
għajnej dawk imsemmijin fil-paragrafu 1, għandhom jiġu minn pajjiż  
terz li hu awtorizzat li jdaħħal fl-Unjoni kunsinni tal-prodotti ta' oriġini  
mill-annimali li qiegħdin f'dawn il-prodotti komposti, jew minn parti  
minnu, u fil-ħin tad-dħul tagħhom fl-Unjoni jridu jkollhom magħħom  
iċ-ċertifikat relevanti stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal dawn il-  
prodotti ta' oriġini mill-annimali jew minn dokument kummerċjali fejn  
mhux meħtieġ ċertifikat.

**▼B***Artikolu 4***Il-ġarr u l-ħżin ta' ċerti prodotti komposti**

Id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti komposti msemmijin fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) li mhumiex maħsubin għall-importazzjoni fl-Unjoni, iżda ddestinati għal pajjiż terz, jew bil-ġarr immedjat jew wara li jinħażnu fl-Unjoni, skont l-Artikoli 11, 12 jew 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE, jistgħu jkunu awtorizzati biss jekk il-kunsinni jikkon-formaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz, jew minn parti minnu, li hu awtorizzat li jdaħħal fl-Unjoni kunsinni tal-prodotti ta' oriġini mill-animali li fihom il-prodotti komposti u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet relevanti tat-trattament ta' dawn il-prodotti, kif stipulat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE<sup>(1)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010<sup>(2)</sup> għall-prodott ta' oriġini mill-animali kkonċernat;
- (b) ikollhom magħhom ċertifikat ta' saħħa mfassal skont il-mudell ta' ċertifikat tas-saħħa stabbilit fl-Anness II;
- (c) jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi dwar is-saħħa tal-animali għall-importazzjoni fl-Unjoni tal-prodotti ta' oriġini mill-animali li fihom il-prodotti komposti kkonċernati, kif stipulat fl-attestazzjoni fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fil-punt (b);
- (d) ikun iċċertifikati li huma aċċettabbli għat-tranżitu, li jinkludi l-ħżin fejn relevanti, fuq id-dokument veterinarju komuni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 136/2004<sup>(3)</sup>, iffirmat mill-veterinarju uffiċjali tal-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni ġewwa l-Komunità.

*Artikolu 5***Id-deroga għall-ġarr tal-kunsinni ġejjin mir-Russja u sejrin lejha**

1. B'deroga għall-Artikolu 4, il-ġarr bit-triq jew bil-ferrovija mill-Unjoni, bejn l-istazzjonijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera indikati fil-Latva, il-Litwanja u l-Polonja elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE<sup>(4)</sup>, ta' kunsinni ta' prodotti komposti msemmijin fl-Artikolu 3 li jkunu ġejjin mir-Russja u sejrin 'l hemm direttament jew billi jgħaddu minn pajjiż terz ieħor għandhom ikunu awtorizzati, sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kunsinna tiġi ssiġillata b'siġill b'numru ta' serje fl-istazzjon għall-ispezzjoni fuq il-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni mis-servizzi veterinarji tal-awtorità kompetenti.

**▼M4**

<sup>(1)</sup> ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49.

<sup>(2)</sup> ĠU L 175, 10.7.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 21, 28.1.2004, p. 11.

<sup>(4)</sup> ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.

**▼M2**

*Artikolu 5a*

**Deroga għat-tranżitu fil-Kroazja, ta' konsenji li jkunu ġejjin mill-Bosna-Herzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi**

1. B'deroga mill-Artikolu 4, it-tranżitu dirett bit-triq fl-Unjoni, bejn il-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' Nova Sela u Ploče, ta' konsenji ta' prodotti komposti msemmija fl-Artikolu 3 li jkunu ġejjin mill-Bosna-Herzegovina u destinati lejn pajjiżi terzi, għandu jiġi awtorizzat jekk ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-konsenza tkun issiġillata b'siġill innumerat f'serje fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera għall-introduzzjoni fl-Unjoni mill-veterinarju uffiċċali fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul.

**▼M4**

**▼B**

*Artikolu 6*

**Emenda għad-Deċiżjoni 2007/275/KE**

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2007/275/KE għandu jitħassar.

*Artikolu 7*

**Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1162/2009**

Fir-Regolament (KE) Nru 1162/2009, l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw ikel li fiha kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali għajnej dawk imsemmijin fl-Artikolu 3(1) tar-regolament (UE) Nru 28/2012 (\*), għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stipulat f'dan l-Artikolu.

(\*) ĠU L 12, 14.1.2012, p. 1.”

*Artikolu 8*

**Dispożizzjoni transizzjonali**

Għal perjodu transizzjonali sat-30 ta' Settembru 2012, il-kunsinni ta' prodotti komposti li nħargħulhom iċ-ċertifikati relevanti skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2007/275/KE qabel l-1 ta' Marzu 2012 jistgħu jibqgħu jiddaħħlu fl-Unjoni.

*Artikolu 9*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fl-20 jum ta' wara l-pubblikkazzjoni tiegħi f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼M1***ANNESS I*

**Mudell taċ-Ċertifikat tas-Saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' prodotti komposti maħsubin għall-konsum mill-bniedem**

**PAJJIŻ****Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mitgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz  Nru tat-Tel.				I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat  I.3. Awtorità kompetenti ċentrali  I.4. Awtorità kompetenti lokali	I.2.a.	
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi Postali Nru tat-Tel.				I.6.		
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
	I.11. Post tal-oriġini  Isem Indirizz  Isem Indirizz  Isem Indirizz				I.12.		
	I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data tat-tluq		
	I.15. Mezz ta' trasport  Ajrulplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Mezz ieħor <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji				I.16. BIP tad-dħul fl-UE  I.17.		
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)		
					I.20. Kwantità		
	I.21. Temperatura tal-prodott  Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>				I.22. Għadd ta' pakketti		
	I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitūr				I.24. Tip ta' ppakkettar		
I.25. Prodotti ċċertifikati għal:  Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>							
I.26.				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE <input type="checkbox"/>			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti  Impjant tal-manifattura      Għadd ta' pakketti      Natura tal-prodott      Piż nett      Numru tal-lott							

**▼ M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

Parti II: Ċertifikazzjoni	II.	Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat		II.b.
		Jiena, il-veterinarju uffiċċiali/spettur uffiċċiali li hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li			
	II.1.	Jiena konju mid-dispożizzjonijiet relevanti fir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, b'mod partikolari l-Artikolu 6.1(b) dwar l-oriġini tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali użati fil-produzzjoni tal-prodotti komposti deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li ġejjin minn stabbiliment(i) li jipplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;			
	II.2.	il-prodotti komposti deskritti hawn fuq fihom:			
( <sup>1</sup> ) jew	[II.2.A]	Kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina u tal-imsaren ( <sup>2</sup> ) li jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-saħħha tal-annimali fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE u li fihom il-kostitwenti tal-laħam li jissodisfaw il-kriterji li jidher hawn taħt:			
	Speċi (A)	Trattament (B)	Oriġini (C)	Stabbiliment(i) Approvat(i) (D)	
	(A) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam, għall-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati fejn BOV = annimali bovini domestiċi ( <i>Bos taurus</i> , <i>Bison bison</i> , <i>Bubalus bubalis</i> u l-annimali mit-taħlit ta' dawn ir-razex); OVI = nagħaq ( <i>Ovis aries</i> ) u mogħoġ domestiċi ( <i>Capra hircus</i> ); EQI = annimali domestiċi ekwini ( <i>Equus caballus</i> , <i>Equus asinus</i> u l-annimali mit-taħlit ta' dawn ir-razex), POR = annimali domestiċi porċini ( <i>Sus scrofa</i> ); RM = fnekk domestiċi, PFG = tjur domestiċi u tjur kaċċa mrobija, RUF = annimali mhux domestiċi mrobija, għajr suidae u solipedi; RUW = annimali selvaġġi mhux domestiċi, għajr suidae u solipedi; SUW = suidae selvaġġi mhux domestiċi; EQW = solipedi salvaġġi mhux domestiċi, WL = lagomorfi salvaġġi, WGB = għasafar tal-kaċċa salvaġġi.				
	(B) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif inhu speċifikat u ddefinit fil-Partijiet 2, 3 u 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.				
	(C) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodott tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina, u tal-imsaren kif elenek fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni permess tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-kostitwenti tal-laħam relevanti, ir-reġjun kif indikat fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti tal-laħam għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:				
	— I-istess bħall-pajjiż tal-esportazzjoni fil-kaxxa I.7;				
	— Stat Membri tal-Unjoni Ewropea;				
	— pajjiż terz jew partijiet minnu awtorizzati li jesportaw lejn l-Unjoni prodotti tal-laħam trattati bit-trattament A kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, fejn il-pajjiż terz fejn il-prodott kompost huwa prodott huwa wkoll awtorizzat li jesporta lejn l-Unjoni prodotti tal-laħam trattati b'dak it-trattament.				
	(D) Daħħal in-numru tal-approvazzjoni tal-UE tal-stabbilimenti tal-oriġini tal-prodotti tal-laħam, u tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina u tal-imsaren li hemm fil-prodott kompost.				
	► <sup>(1)</sup> (E) Jekk fi material mill-annimali bovini, ovini jew kaprini, il-laħam frisk u/jew l-imsaren użati fit-tħejjija tal-prodotti tal-laħam u/jew l-imsaren trattati għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin skont il-kategorija tar-riskju tal-BSE tal-pajjiż tal-oriġini:				
	( <sup>1</sup> ) [(E.1) il-pajjiż jew ir-reġjun huwa kklassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negligibbi tal-BSE;				
	1. I-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li joriġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;				
	2. il-prodotti li joriġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn material ja' riskju speċifikat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ( <sup>1</sup> );				
	3. il-prodotti li joriġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam seprat mekkaniament miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini, ħlief għal prodotti mill-annimali bovini, ovini u kaprini li twieldu, dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew freġju klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negligibbi tal-BSE li fih ma kienx hemm każżejjiet indiġeni ta' BSE;				
	4. I-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li joriġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, ma nqatlu wara l-isturdament permezz ta' gass injettat fil-kavita kranjali jew inqatlu bl-istess metodu jew inqatlu permezz ta' strument twil fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavita kranjali, ħlief jekk l-annimali twieldu, dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż jew freġju klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju negligibbi tal-BSE;				

**►<sup>(1)</sup> M3**

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

II. Tagħrif dwar is-sahħha	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
5. jekk l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, jorġinaw f'pajjiż jew f'reġju klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala li huwa ta' riskju indeterminati tal-BSE, dawn l-annimali ma ġewx mitmugħha bi dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun jew qrieq-ċeċ, kif definiti fil-Kodiċi tas-Sahħha tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Sahħha tal-Annimali, u l-prodotti ġew prodotti u trattati b'tali mod li jiżgura li ma kienix fiha u ma kintix kontaminata b'tessut nervuż u limfatiku espost matul il-proċess ta' dis-sussar.]		
( <sup>1</sup> ) jew [(E.2) għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju kkontrollat tal-BSE;		
1. l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, għaddew mill-ispezzjoni ta' qabel u ta' wara l-qtil u ma nqatlu, wara l-isturdament, permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument twil fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali;		
2. il-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal ta' riskju speċifikat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat mekkanikament li ġej mill-għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.		
( <sup>1</sup> ) ( <sup>4</sup> ) 3. Fil-każ tal-imsaren li s-sors oriġinali tagħhom kien pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE, l-importazzjonijiet tal-imsaren trattati għandhom ikunu soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet:		
(a) il-pajjiż jew ir-reġjun huwa klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju kkontrollat tal-BSE;		
(b) l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, twieldu, dejjem trabbew u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjoni jiet ta' qabel u ta' wara l-qtil;		
( <sup>1</sup> ) (c) jekk l-intestini ġejjin minn pajjiż jew reġjun fejn kien hemm każżejjiet indiġeni ta' BSE:		
(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq l-alimentazzjoni tar-ruminanti bid-dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun u bil-qrieq-ċeċ derivati mir-ruminanti; jew inkella		
(ii) il-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal ta' riskju speċifikat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]		
( <sup>1</sup> ) jew [(E.3) għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju indeterminati tal-BSE:		
1. l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, ma ġewx mitmugħha dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun u qrieq-ċeċ derivati mir-ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi tas-Sahħha tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Sahħha tal-Annimali, u għaddew mill-ispezzjoni jiet ta' qabel u ta' wara l-qtil;		
2. l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, ma nqatlu, wara l-isturdament, permezz tal-laċerazzjoni tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument twil fil-forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali, jew permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali;		
3. il-prodotti li ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini mhumiex derivati minn:		
(a) materjal ta' riskju speċifikat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;		
(b) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;		
(c) laħam separat mekkanikament miksub minn ġħadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini.		
( <sup>1</sup> ) ( <sup>4</sup> ) 4. Fil-każ tal-imsaren li s-sors oriġinali tagħhom kien pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE, l-importazzjonijiet tal-imsaren trattati għandhom ikunu soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet:		
(a) il-pajjiż jew ir-reġjun huwa klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li huwa ta' riskju indeterminati tal-BSE;		
(b) l-annimali, li minnhom huma derivati l-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini, twieldu, dejjem trabbew u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjoni jiet ta' qabel u ta' wara l-qtil;		

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(i) (c) jekk l-intestini ġejjin minn pajjiż jew reġju fejn kien hemm każijiet indiġen ta' BSE:			
(i) l-animali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq l-alimentazzjoni tar-ruminanti bid-dqiq mil-laħam u l-ġħadu mitħun u bil-qrieqet derivati mir-ruminanti; jew inkella			
(ii) il-prodotti li jorġiñaw mill-animali bovni, ovini u kaprini ma fihomx u mhumiex derivati minn materjal ta' riskju spċificat kif definit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.] ◀			
(i) u/jew [II.2.B Prodotti tal-ħalib ipproċċessati <sup>(6)</sup> li fihom nofs jew iżżejjed minn nofs is-sustanza tal-prodott kompost jew prodotti tal-ħalib li mhumiex stabbi fil-ħżin fi kwalunkwe kwantità li			
(a) ġew prodotti fil-pajjiż ..... fl-istabbiliment .....(numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti minn fejn oriġinaw il-prodotti tal-ħalib li jagħmlu parti mill-prodott kompost, li kienu awtorizzati, füż-żmien tal-produzzjoni, li jesportaw il-prodotti tal-ħalib għall-UE). Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti tal-ħalib għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:			
— l-istess bħall-pajjiż tal-esportazzjoni fil-kaxxa I.7;			
— Stat Membru tal-Unjoni Ewropea			
— pajjiż terz awtorizzat jesporta lejn l-Unjoni ħalib u prodotti tal-ħalib fil-Kolonna A jew B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, meta l-pajjiż terz fejn prodott kompost huwa prodott ikun ukoll awtorizzat, skont l-istess kundizzjonijiet, li jesporta lejn l-Unjoni ħalib u prodotti tal-ħalib.			
Il-pajjiż tal-oriġini indikat fil-kaxxa I.7 irid ikun elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 u t-trattament applikat irid jikkonforma mat-trattament stipulat f'dik il-lista għall-pajjiż relevanti.			
(b) ġew prodotti minn ħalib miksub minn animali:			
(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali,			
(ii) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjoni minħabba l-marda tal-ħsieen u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,			
(iii) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-animali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE,			
(c) huma prodotti tal-ħalib magħmulin minn ħalib nej meħud minn:			
(i) jew [baqar, nagħaq, mogħoż jew bufli u qabel l-importazzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għaddew minn proċess ta', jew saru minn ħalib li għadda minn proċess ta']			
(i) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni li jinvoli trattament uniku ta' tisħin b-effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pasturizzazzjoni ta' mill-inqas 72 °C għal 15-il sekonda u fejn applikabbli, biżżejjed biex jiżgura reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalinna applikat immedjatamente wara t-trattament ta' tisħin]			
(ii) jew [proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F <sub>0</sub> ta' tlieta jew aktar;]			
(iii) jew [trattament b'temperatura għolja ħafna (UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħżin:]			
(iv) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir f'temperatura għolja (HTST) ta' 72 °C għal 15-il sekonda, jew trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti, applikat għall-ħalib li għandu pH inqas minn 7,0 li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalinna]			
(v) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir f'temperatura għolja (HTST) ta' 72 °C għal 15-il sekonda, jew trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti, applikat darbejnej għall-ħalib li għandu pH ta' 7,0 jew iżżejjed li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalinna, segwit immedjatamente minn]			
(vi) jew [tnaqqis tal-pH taħt is-6 għal siegħa:]			
(vii) jew [isir tisħin addizzjonal ta' 72 C jew iktar, ikkombinat ma' tnixxif;]]			
(viii) jew [annimali oħra minbarra l-baqar, in-nagħaq, il-mogħoż jew il-bufl u qabel l-importazzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għaddew minn proċess ta', jew saru minn ħalib li għadda minn proċess ta']			

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

II.	<b>Tagħrif dwar is-saħħa</b>	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	( <sup>1</sup> ) jew [proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F <sub>0</sub> ta' tlieta jew aktar;]		
	( <sup>1</sup> ) jew [trattament b'temperatura għolja ħafna (UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħżin;]		
	(d) ġew prodotti fi ..... jew bejn ..... u ..... ( <sup>7</sup> ).]		
( <sup>1</sup> ) u/jew	[II.2.C <b>Prodotti tas-sajd ipproċessati</b> li jorġinaw mill-istabbiliment approvat Nru ( <sup>8</sup> ) ..... li qiegħed fil-pajjiż ( <sup>9</sup> ) .....]		
( <sup>1</sup> ) u/jew	[II.2.D <b>Prodotti ta' bajd ipproċessati</b> li jorġinaw mill-pajjiż approvat ( <sup>9</sup> ) .....]		
	prodotti minn bajd li ġej minn stabbiliment li jissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat m'għandux l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel.]		
	jew		
	( <sup>1</sup> ) II.2.D.1 [ <i>fraġġ ta' 10 km li fih [inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar]</i> ] ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel.]		
	jew		
	( <sup>1</sup> ) II.2.D.2 [il-prodotti tal-bajd kienu pproċessati:		
	( <sup>1</sup> ) jew [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat:		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 55,6 °C għal 870 sekonda.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 56,7 °C għal 232 sekonda.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [10 % tal-isfar tal-bajd immellaḥ ġie trattat b'temperatura ta' 62,2 °C għal 138 sekonda;]		
	( <sup>1</sup> ) jew [abjad tal-bajd imnixxef ġie trattat:		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 67 °C għal 20 siegħa.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 54,4 °C għal 513 siegħa.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [il-bajd sħiħ ġie talanqas ittrattat:		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [imsajjar kompletament.]		
	[taħlitiet ta' bajd sħiħ ġew talanqas ittrattati]:		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]		
	( <sup>1</sup> ) jew [b'temperatura ta' 61,1 °C għal 94 sekonda.]		
<b>Rimarki</b>			
<b>Parti I:</b>			
— Kaxxa tar-referenza I.7: Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodott kompost li fih il-prodott tal-laħam, l-istonku trattat, l-bżeżeqa tal-awrina u l-imsaren kif elenkti fil-Parti 2 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE u/jew għall-prodotti tal-ħaliib ipproċessati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 u/jew għall-prodotti tal-ħut ipproċessati fl-Anness I u II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE u/jew għall-prodotti tal-bajd ipproċessati fil-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008.			
— Kaxxa tar-referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni/approvazzjoni jekk dan ikun disponibbli, tal-istabbilimenti ta' produzzjoni tal-prodotti komposti. Isem il-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż tal-oriġini fil-kaxxa I.7.			
— Kaxxa tar-referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vagħni tal-ferrovia jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). F'każ ta' trasportazzjoni f'kontejners, in-numru totali tal-kontejners u n-numri tar-reġistrazzjoni tagħhom, u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill, irid ikun indikat fil-kaxxa I.23. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbiha mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-BIP bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.			
— Kaxxa tar-referenza I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija, bħal: 16.01; 16.02; 16.03; 16.04; 16.05; 19.01; 19.02; 19.05; 20.04; 20.05; 21.03; 21.04; 21.05; 21.06.			
— Kaxxa tar-referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.			

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
— Kaxxa tar-referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).		
— Kaxxa tar-referenza I.28: Impjant tal-manifattura: dañħal l-isem, u n-numru ta' approvazzjoni jekk dan iku disponibbli, tal-istabbilimenti ta' produzzjoni tal-prodott(i) komposti. Natura tal-prodott: Fil-każ ta' prodotti komposti li fihom prodotti tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżeżeq tal-awrina u tal-imsaren, ikteb 'prodott tal-laħam', 'stonku ttrattat', 'bżeżeq tal-awrina' jew 'imsaren'. Jekk prodott kompost ikun fih il-prodotti tal-ħalib u tal-bajd, ikteb 'prodott tal-ħalib'. Jekk prodott kompost ikun fih prodotti tal-ħut ipproċessati speċifika jekk oriġinax minn koltivazzjoni fl-ilma jew kienx salvaġġ. Jekk prodott kompost ikun fih prodotti tal-bajd speċifika l-perċentwal tal-kontenut magħmul mill-bajd.		
<b>Parti II:</b>		
(1) Żomm skont il-każ.		
(2) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stonku ttrattat, bżeżeq tal-awrina u msaren kif stabbilit fil-punt 7.9 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-parti 4 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE.		
(3) B'deroga mill-punt 4, jistgħu jiġi importati karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħha f'mhux iktar minn tiet qatħat bl-ingrossa, u kwarti li ma fihom l-ebda materjal riskjuż speċifikat ħlief għall-kolonna vertebral, inkluża l-għalli ja-tal-għażiex.		
Meta t-tnejħħija tal-kolonna vertebral mhix meħtieġa, il-karkassi jew il-qatħat bl-ingrossa ta' karkassi ta' annimali bovini li fihom il-kolonna vertebral għandhom ikunu identifikati bi strixxa blu fuq it-tikketta msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.		
L-għadd ta' karkassi bovini jew qatħat bl-ingrossa ta' karkassi, li t-tnejħħija tal-kolonna vertebral minnhom hija meħtieġa kif ukoll l-għadd li t-tnejħħija tal-kolonna vertebral minnhom mhix meħtieġa għandhom jiżdied mad-dokument imsemmi fl-Artikolu 2(1) għar-Regolament (KE) Nru 136/2004 fil-każ tal-importazzjonijiet.		
(4) Applikabbli biss għall-importazzjonijiet ta' imsaren ittrattati.		
(5) B'deroga mill-punt 3, jistgħu jiġi importati karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħha f'mhux iktar minn tiet qatħat bl-ingrossa, u kwarti li ma fihom l-ebda materjal riskjuż speċifikat ħlief għall-kolonna vertebral, inkluża l-għalli ja-tal-għażiex.		
Meta t-tnejħħija tal-kolonna vertebral mhix meħtieġa, il-karkassi jew il-qatħat bl-ingrossa ta' karkassi ta' annimali bovini li fihom il-kolonna vertebral għandhom ikunu identifikati bi strixxa blu viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.		
Tagħrif speċifiku fuq l-għadd ta' karkassi bovini jew qatħat bl-ingrossa ta' karkassi, li t-tnejħħija tal-kolonna vertebral minnhom hija meħtieġa u li t-tnejħħija tal-kolonna vertebral minnhom mhix meħtieġa għandhom jiżdied mad-dokument imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 fil-każ tal-importazzjonijiet.		
(6) Ħalib nej u prodotti tal-ħalib u tal-bajd tħisser, ħalib nej u prodotti tal-ħalib u tal-bajd għall-konsum mill-bniedem kif iddefinit fil-punt 7.2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.		
(7) Data jew dati tal-produzzjoni. L-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib u tal-bajd ma għandhomx jitħallew meta jkun is-saġġa jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn I-Unjoni Ewropea tal-pajjiż terz jew parti minnu imsemmi(ja) f'l.7 u l.8, jew matul perjodu li matulu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib minn dan il-pajjiż terz jew minn parti minnu.		
(8) In-numru tal-istabbiliment tal-prodotti tal-ħut li hu awtorizzat li jesporta lejn I-UE.		
(9) Pajjiż ta' oriġini li hu awtorizzat li jesporta lejn I-UE.		
(10) Fil-każ ta' prodotti komposti li fihom biss prodotti tal-ħut jew tal-bajd, tista' tiġi aċċettata l-firma ta' Spettur uffiċjali.		
► <sup>(1)</sup> It-tnejħħija ta' materjal ta' riskju speċifikat mhux meħtieġ jekk il-prodotti li jorġinaw mill-annimali bovini, ovini u kaprini huma derivati minn anni-mali li twieldu, dejjem trabbew u nqatlu f'pajjiż terz jew reġjun ta' pajejż terz klassifikat skont id-Deċiżjoni 2007/453/KE li huwa ta' riskju neglīġibbi tal-BSE. ◀		
— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbra minbarra dawk ibbzuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.		

**►<sup>(1)</sup> M3**

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti composti maħsubin għal konsum mill-bniedem**

II. Tagħrif dwar is-sahħha	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali (10)		
Isem (b'ittri kbar):	Kwalifika u titlu:	
Data:	Firma:	
Timbru:		

**▼M1***ANNESS II*

**Mudell taċ-Ċertifikat tas-Saħħa għat-tranżitu minn ġol-Unjoni Ewropea ta' prodotti komposti maħsubin għall-konsum mill-bniedem**

**PAJJIŻ:****Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettagli tal-kunsinna mibgħutu	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz  Nru tat-Tel.				I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat  I.3. Awtorità kompetenti ċentrali  I.4. Awtorità kompetenti lokali	I.2.a.	
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi Postali Nru tat-Tel.				I.6. Persuna responsabbi mill-kunsinna fl-UE Isem Indirizz  Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		
	I.7. Pajjiż tal-orġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' orġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
	I.11. Post tal-orġini  Isem Indirizz  Isem Indirizz  Isem Indirizz				I.12. Post ta' destinazzjoni  Maḥżeen doganali <input type="checkbox"/> Fornitur tal-vapur <input type="checkbox"/>  Isem Indirizz  Kodiċi Postali		
	I.13. Post tat-tagħbija				I.14. Data tat-tluq		
	I.15. Mezz ta' trasport  Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Mezz ieħor <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji				I.16. BIP tad-dħul fl-UE  I.17.		
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)		
					I.20. Kwantità		
	I.21. Temperatura tal-prodott  Ambjentali <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżat <input type="checkbox"/>				I.22. Għadd ta' pakketti		
I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitru				I.24. Tip ta' ppakkettjar			
I.25. Prodotti ċċertifikati għal:  Konsum mill-bniedem <input type="checkbox"/>							
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz <input type="checkbox"/> Pajjiż Terz Kodiċi ISO				I.27.			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti  Impjant tal-manifattura				Għadd ta' pakketti	Natura tal-prodott	Piż nett	Numru tal-lott

VM1

PAJJIŻ

**Prodotti composti maħsubin għal konsum mill-bniedem  
Tranżitu/Fl-żin**

Part II Ċertifikazzjoni	II.	Tagħrif dwar is-saħħha	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	Jiena, l-veterinarju uffiċċiali/spettur uffiċċiali li hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-prodotti komposti deskritti hawn fuq fihom:			
(1) jew	[II.1.A Il-prodotti tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina u tal-imsaren (2) f'kwalunkwe kwantità u dawn il-prodotti ta' laħam, stonku ttrattat, bżieżaq tal-awrina u msaren ġew prodotti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE u fihom il-kostitwenti tal-laħam li jissodisfaw il-kriterji li jidhru hawn taħt			
	Speċi (A)	Trattament (B)		Origeni (C)
	(A) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam, għall-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati fejn BOV = annimali bovini domestiċi ( <i>Bos taurus</i> , <i>Bison bison</i> , <i>Bubalus bubalis</i> u l-annimali mit-taħlit ta' dawn ir-razex); OVI = naghäg ( <i>Ovis aries</i> ) u mogħoż domestiċi ( <i>Capra hircus</i> ); EQI = annimali domestiċi ekkwini ( <i>Equis caballus</i> , <i>Equus asinus</i> u l-annimali mit-taħlit ta' dawn ir-razex), POR = annimali domestiċi porċini ( <i>Sus scrofa</i> ); RM = fniekk domestiċi; PFG = tjur domestiċi u tjur tal-kaċċa mrobija, RUF = annimali mhux domestiċi mrobija, għajr suidae u solpedi; RUW = annimali salvaġġi mhux domestiċi, għajnej <i>suidae</i> u solpedi; SUW = suidae salvaġġi mhux domestiċi; EQW = solipedi salvaġġi mhux domestiċi, WL = lagomorfi salvaġġi, WGB = għasafar tal-kaċċa salvaġġi..			
	(B) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif inhu spċifikat u ddedefinit fil-Partijiet 2, 3 u 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE.			
	(C) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodott tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina, u tal-imsaren kif elenek fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni permess tal-leđiżlazzjoni tal-Unjoni għall-kostitwenti tal-laħam relevanti, ir-reġjun kif indikat fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jew Stat Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti tal-laħam għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:			
	— I-istess bħall-pajjiż tal-esportazzjoni fil-kaxxa I.7;			
	— Stat Membri tal-Unjoni Ewropea;			
	— pajjiż terz jew partijiet minnu awtorizzati li jesportaw lejn l-Unjoni prodotti tal-laħam trattati bit-trattament A kif stabbilit fil-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, fejn il-pajjiż terz fejn il-prodott kompost huwa prodott huwa wkoll awtorizzat li jesporta lejn l-Unjoni prodotti tal-laħam trattati b'dak it-trattament.			
(1) u/jew	[II.1.B Prodotti tal-ħalib ipproċċessat (3) li fihom nofs jew iżjed minn nofs is-sustanza tal-prodott kompost jew prodotti tal-ħalib li mhumix stabbli fil-ħażin fi kwalunkwe kwantità li			
	(a) ġew prodotti fil-pajjiż ..... Il-pajjiż tal-oriġini tal-prodotti tal-ħalib għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:			
	— I-istess bħall-pajjiż tal-esportazzjoni fil-kaxxa I.7;			
	— Stat Membri tal-Unjoni Ewropea;			
	— pajjiż terz awtorizzat jesporta lejn l-Unjoni ħalib u prodotti tal-ħalib fil-Kolonna A jew B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, meta l-pajjiż terz fejn prodott kompost huwa prodott ikun ukoll awtorizzat, skont I-istess kundizzjonijiet, li jesporta lejn l-Unjoni ħalib u prodotti tal-ħalib.			
	Il-pajjiż tal-oriġini indikat fil-kaxxa I.7 irid ikun elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010 u t-trattament applikat irid jikkonforma mat-trattament stipulat f'dik il-lista għall-pajjiż relevanti.			
	(b) ġew prodotti minn ħalib meħud minn annimali:			
	(i) taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċċiali,			
	(ii) ġejjin minn impriżi li ma kenux taħt restrizzjoni minħabba l-marda tal-ilsien u d-dwiefer jew ir-rinderpest, u,			
	(iii) soġġetti għal spezzjonijiet veterinarji regolari biex jiżguraw li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħha tal-annimali stipulati fil-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fid-Direttiva 2002/99/KE,			
	(c) huma prodotti tal-ħalib magħimulin minn ħalib nej meħud minn			
(1) jew	[baqar, naghäg, mogħoż jew bufli u qabel l-importazzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għaddew minn proċess ta', jew saru minn ħalib li għadda minn proċess ta'			
	(1) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni li jinvoli trattament uniku ta' tisħin b'effett ta' tisħin mill-inqas ekwivalenti għal-dik miksub minn proċess ta' pasturizzazzjoni ta' mill-inqas 72 °C għal 15-il sekonda u fejn applikabbli, bżżejjed biex jiżgura reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina applikat immeddajtament wara t-trattament ta' tisħin]			

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem  
Tranżitu/Ħżin**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(1) jew [proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F <sub>0</sub> ta' tlieta jew aktar;]		
(1) jew [trattament ta' temperatura partikolarmen għolja (UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħżin;]		
(1) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir f'temperatura għolja (HTST) ta' 72 °C għal 15-il sekonda, jew trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti, applikat għall-ħalib li għandu pH inqas minn 7,0 li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina;]		
(1) jew [trattament ta' pasturizzazzjoni ta' żmien qasir f'temperatura għolja (HTST) ta' 72 °C għal 15-il sekonda, jew trattament b'effett ta' pasturizzazzjoni ekwivalenti, applikat darbejn għall-ħalib li għandu pH ta' 7,0 jew iż-żejjed li jikseb, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test tal-fosfatażi alkalina, segwit immedjatament minn]		
(1) jew [tnaqqis tal-pH taħt is-6 għal siegħa;]		
(1) jew [isir tisħin addizzjonali ta' 72 °C jew iż-żejjed, ikkombinat ma' tnixxif;]]		
(1) jew [annimali oħra minbarra l-baqar, in-nagħaż, il-mogħoż jew il-bufl u qabel l-importazzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea għaddew minn proċess ta', jew saru minn ħalib li għaddha minn proċess ta']		
(1) jew [proċess ta' sterilizzazzjoni, biex jinkiseb valur ta' F <sub>0</sub> ta' tlieta jew aktar;]		
(1) jew [trattament ta' temperatura għolja ħafna(UHT) ta' mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' ħin adattat ta' ħżin;]]		
(d) ġew prodotti fi ..... jew bejn ..... u ..... (4).]		
u/jew II.1.C Prodotti ta' bajd ipproċessati li jorigiaw mill-pajjiż approvat (5)		
Prodotti minn bajd li ġej minn stabbiliment li jissodisa r-rekwiżi tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat m'għandux l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel.]		
jew		
(1) [II.1.C.1 [f'raġġ ta' 10 km li fih [inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar,] ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel.]		
jew		
(1) [II.1.C.2 [il-prodotti tal-bajd kienu pproċessati:		
(1) jew [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat:		
(1) jew [b'temperatura ta' 55,6 °C għal 870 sekonda.]		
(1) jew [b'temperatura ta' 56,7 °C għal 232 sekonda.]		
(1) jew [10 % tal-isfar tal-bajd immellaḥ ġie ttrattat b'temperatura ta' 62,2 °C għal 138 sekonda.]		
(1) jew [l-abjad tal-bajd imnixxef kien ittrattat:		
(1) jew [b'temperatura ta' 67 °C għal 20 siegħa.]		
(1) jew [b'temperatura ta' 54,4 °C għal 513-il siegħa.]		
(1) jew [il-bajd sħiħ ġie ttrattati talinqas:		
(1) jew [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]		
(1) jew [imsajjar kompletament.]		
it-taħlitiet tal-bajd sħiħ ġew ittrattati talinqas:		
(1) jew [b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda.]		
(1) jew [b'temperatura ta' 61,1 °C għal 94 sekonda.]]]		

**▼M1****PAJJIŻ****Prodotti komposti maħsubin għal konsum mill-bniedem  
Tranżitu/Fl-żien**

<b>II. Tagħrif dwar is-saħħha</b>	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p><b>Rimarki</b></p> <p><b>Parti I:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kaxxa tar-referenza I.7: Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodott tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina u tal-intestini kif elenkat fil-Parti 2 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE u/jew għall-prodott tal-ħalib u tal-bajd fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010.</li> <li>— L-isem u l-indirizz tal-istabbilimenti li pproduċċew il-prodott(i) kompost(i). Isem il-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħall-pajjiż tal-oriġini fil-kaxxa I.7.</li> <li>— In-numru tal-approvazzjoni mhuwiex applikabbli.</li> <li>— Kaxxa tar-referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (bastiment). Fil-każ ta' trasport fil-kontejners, għandhom jingħataw in-numru totali ta' kontejners u n-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23. F'każ ta' ħatt u tagħbjja mill-ġdid, min qed jikkunsinna għandu jinforma lill-istazzjon ispezzjoni tal-fruntiera bid-dħul tiegħu fl-Unjoni Europea.</li> <li>— Kaxxa tar-referenza I.19: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana bħal: 16.01; 16.02; 16.03; 16.04; 16.05; 19.01; 19.02; 19.05; 20.04; 20.05; 21.03; 21.04; 21.05; 21.06</li> <li>— Kaxxa tar-referenza I.20: Indika l-piż gross totali u l-piż nett totali.</li> <li>— Kaxxa tar-referenza I.23: Fil-każ ta' kontejners jew kaxex, għandu jiġi inkluż in-numru tal- kontejner u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).</li> <li>— Kaxxa tar-referenza I.28: <i>Impjant tal-manifattura</i>: daħħal l-isem, u n-numru ta' approvazzjoni jekk dan ikun disponibbli, tal-istabbilimenti ta' produzzjoni tal-prodott(i) komposti. Natura tal-prodott: Fil-każ ta' prodotti komposti li fihom prodotti tal-laħam, tal-istonku ttrattat, tal-bżieżaq tal-awrina u tal-imsaren, ikteb 'prodott tal-laħam', 'stonku ttrattat', 'bieżeżaq tal-awrina' or 'imsaren'. Jekk prodott kompost ikun fih il-prodotti tal-ħalib u tal-bajd, ikteb 'prodott tal-ħalib'.</li> </ul> <p><b>Parti II:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(<sup>1</sup>) Żomm skont il-każ.</li> <li>(<sup>2</sup>) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stonku ttrattat, bżieżaq tal-awrina u msaren kif stabbilit fil-punt 7.9 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-parti 4 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2007/777/KE</li> <li>(<sup>3</sup>) Ħalib nej u prodotti tal-ħalib u tal-bajd tħisser, ħalib nej u prodotti tal-ħalib u tal-bajd għall-konsum mill-bniedem kif iddefinit fil-punt 7.2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.</li> <li>(<sup>4</sup>) Data jew dati tal-produzzjoni. L-importazzjoniet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib u tal-bajd ma għandhomx jitħallew meta jkunu nkisbu jew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unioni Europea tal-pajjiż terz jew parti minnu msemmi(ja) fl-I.7 u I.8, jew matul perjodu li matulu ġew addottati miżuri restrittivi mill-Unioni Europea kontra l-importazzjoniet ta' ħalib mhux ipproċessat u prodotti tal-ħalib minn dan il-pajjiż terz jew minni parti minnu.</li> <li>(<sup>5</sup>) Pajjiż ta' oriġini li hu awtorizzat li jesporta lejn l-UE.</li> <li>— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Tapplika l-istess regola għat-timbr minbarra dawk ibbzuzzati fil-karta jew marka tal-ilma.</li> </ul> <p>Veterinarju uffiċċiali/Spetturi uffiċċiali</p> <p>Issem (b'ittri kbar): <span style="float: right;">Kwalifika u titlu:</span>  Data: <span style="float: right;">Firma:</span>  Timbru:</p>		